# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A. (HONS) LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' April, 2001**

**Numru 26**

**Citaz. Nru. 1025/95 GC**

**Adrian sive Aad De Haan bhala direttur u in rappreżentanza ta' De Haan Transport (Malta) Limited**

**vs**

**L-Avukat Tonio Farrugia u George Whelpdale bhala diretturi u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Forwarders Limited**

**Il-Qorti;**

Din il-kawza giet deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili b'sentenza moghtija fil-15 ta' Lulju, 1998 li taqra hekk:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta:-
>
> Illi s-socjeta' konvenuta abbuzivament u illegalment qeghda tiddetjeni diversi "files" u dokumenti u inkartamenti, appartenenti lis-socjeta' attrici;

Illi l-imsemmija dokumenti, inkartamenti u files huma importanti ghat-tmexxija tas-socjeta' attrici u minhabba l-agir illegali u abbuziv tal-konvenuti is-socjeta' qed issofri danni ngenti;

Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati biex jirritornaw l-imsemmija dokumenti anke permezz ta' ittra ufficjali tal-10 ta' Lulju 1995, xorta wahda baqghu inadempjenti;

Ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenuti nomine jghidu, in vista tal-premess, ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenuti jirrilaxxaw u jirritornaw id-dokumenti kollha u inkartamenti u files appartenenti lis-socjeta' attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi iffissat minn din il-Qorti;

2. tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

3. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici minhabba l-agir illegali u abbuziv mill-konvenuti li ddetenew l-imsemmija dokumenti, inkartamenti u files, okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

4. tikkundanna lill-konvenuti ihallsu dik is-somma li tigi hekk likwidata in linea ta' danni sofferti mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-10 ta' Lulju, 1995 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn gie ecepit preliminarjament illi s-socjeta' konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur nomine peress illi t-talbiet tal-attur nomine ma sarux fil-konfront taghha izda fil-konfront tal-"konvenuti" u cioe' fil-kwalita' taghhom personali, filwaqt illi l-ittra ufficjali tal-10 ta' Lulju 1995 citata fil-kawzali tac-citazzjoni kienet saret sia kontra l-konvenuti personalment kif ukoll nomine (Dok A); fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet tal-attur nomine huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi fit-12 ta' Gunju 1995 is-socjeta' attrici minghajr ma tat ebda pre-avviz jew raguni itterminat l-Agency Agreement tas-7 ta' Ottubru, 1991, bejn iz-zewg socjetajiet (Dok

B u C) u b'hekk ikkawzat danni ngenti lis-socjeta' konvenuta illi qed titlob il-likwidazzjoni taghom permezz tac-Citazzjoni Nru 889/95 FGC appuntata ghat-13 ta' Novembru 1995 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, liema danni jikkomprendu wkoll il-hlas tal-kummissjoni dovuta lis-socjeta' konvenuta sad-data tat-terminazzjoni citata. Ghalhekk, kif del resto kienet giet informata is-socjeta' attrici permezz tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Lulju, 1995 (Dok D) is-socjeta' konvenuta ghandha dritt illi zzomm f'idejha il-hwejjeg tas-socjeta' attrici sakemm ma tigix imhallsa ta' dak kollu li ghandha tiehu minghandha minhabba l-imsemmi agency agreement, u dan ghab-bazi tal-artikolu 1885 tal-Kodici Civili. Fl-istess waqt l-allegazzjoni illi s-socjeta' attrici qed issofri danni ngenti u minhabba l-agir tas-socjeta' konvenuta hija wkoll bla bazi ghaliex is-socjeta' attrici kienet waqfet tinnegozja f'Malta fl-24 ta' Novembru 1990 kif jirrizulta mid-dokumenti annessi ffirmati mil-attur nomine stess (Dok E,F u G) u minn dakinhar saret biss "a paper company" ghaliex kienet isservi biss bhala l-mezzi kif jigu trasferiti fl-Olanda l-bilanci tal-"freight" li jingabar Malta lis-socjeta' estera De Haan's Expeditie B.V. u sussegwentement De Haan Internationale Expeditie B.V;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' April 1998 minn fejn jirrizulta illi l-partijiet qablu li f'dan l-istadju ghandha tigi deciza l-ewwel talba attrici;

Rat l-istess verbal tas-seduta tas-27 ta' April 1998;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' attrici dwar l-ewwel talba taghha;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet responsiva tas-socjeta' konvenuta;

Ikkonsidrat:

Bil-prezenti qed tigi deciza l-ewwel talba tas-socjeta' attrici liema talba tirreferi ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta sabiex tirrilaxxa u tirritorna d-dokumenti kollha u inkartamenti u files appartenenti lis-socjeta' attrici liema dokumenti u files jinsabu fil-pussess tas-socjeta' konvenuta. It-talbiet l-ohra kollha huma konsegwenzjali ghall-imsemmija l-ewwel talba u ghalhekk f'kaz li l-istess l-ewwel talba tigi akkolta din il-kawza ghandha tissokta

biex jigu ukoll decizi t-talbiet l-ohra kollha. F'kaz li din l-ewwel talba tigi michuda, din il-kawza ghandha tieqaf hawn;

Fl-ewwel lok is-socjeta' konvenuta qed teccepixxi preliminarjament illi s-socjeta' konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur nomine peress illi t-talbiet tal-attur nomine ma sarux fil-konfront taghha izda fil-konfront tal-"konvenuti" u cioe' fil-kwalita' taghhom personali, filwaqt illi l-ittra ufficjali tal-10 ta' Lulju, 1995 citata fil-kawzali tac-citazzjoni kienet saret sia kontra l-konvenuti personalment kif wkoll nomine;

Ghar-rigward ta' din l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta' konvenuta ghandu jinghad li tali eccezzjoni ma tista' qatt tigi akkolta. Ma hemmx dubju li dak li huwa importanti ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri huma t-termini tac-citazzjoni. Mill-istess citazzjoni jirrizulta li l-kawza qed issir kontra is-socjeta' Forwarders Limited kif rapprezentata mid-diretturi taghha l-Avukat Dottor Tonio Farrugia u George Whelpdale. Ma hemmx dubju ghalhekk li meta hemm referenza fl-istess citazzjoni ghall-"konvenuti" ir-referenza hi ghall-imsemmija socjeta' konvenuta. Dak li seta sar f'xi ittra ufficjali precedenti huwa irrilevanti;

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel talba attrici s-socjeta' konvenuta tissottometti illi kien hemm esistenti bejn il-partijiet "agency agreement", liema kuntratt kien gie terminat minghajr pre-avviz mis-socjeta' attrici. Minhabba dan il-fatt is-socjeta' konvenuta tallega li sofriet danni u difatti fi proceduri separati l-istess socjeta' konvenuta qed titlob il-likwidazzjoni ta' dawn id-danni u qed titlob ukoll il-hlas tal-kummissjoni naxxenti mill-imsemmi kuntratt u dovuta lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici sad-data tal-imsemmija terminazzjoni. In vista' ta' dawn il-pretensjonijiet is-socjeta' konvenuta tippretendi li ai termini tal-artikolu 1885 tal-Kodici Civili hija ghandha dritt illi zzomm f'idejha il-hwejjeg tas-socjeta' attrici sakemm ma tigix imhallsa ta' dak kollu li ghandha tiehu in konnessjoni mal-imsemmi "agency agreement";

L-artikolu 1885 tal-Kodici Civili jipprovdi illi l-mandatarju ghandu jedd izomm f'idejh il-hwejjeg tal-mandat sakemm ma jigix imhallas ta' dak li jkollu jiehu minhabba dak il-mandat. Is-socjeta' konvenuta ghalhekk qed tippretendi illi fil-konfront tas-socjeta' attrici hija ghandha titqies bhala "mandatarju" u ghalhekk ghandha d-dritt li zzomm id-dokumenti u l-files in kwistjoni sakemm ma tigix imhallsa l-pretensjonijiet kollha taghha in konnessjoni ma' l-istess mandat jew agenzija;

Mill-provi kollha prodotti jirrizulta li s-socjeta' konvenuta kienet in effett tagixxi bhala l-agent tas-socjeta' attrici. Ghalhekk ghall-finijiet tal-imsemmi artikolu 1885 is-socjeta' konvenuta ghandha titqies bhala "mandatarju" tal-istess socjeta' attrici. Id-dokumenti u l-inkartamenti kollha in kwistjoni huma hwejjeg konnessi mal-mandat jew mal-agenzija in kwistjoni. Ghalhekk fit-termini tal-istess artikolu tal-Kodici Civili s-socjeta' konvenuta, sakemm ma tithallasx dak kollu li hija tippretendi li ghandha tithallas in konnessjoni mal-agenzija, ghandha d-dritt li zzomm u ma tirritornax id-dokumenti in kwistjoni. Jirrizulta li dawn id-dokumenti nzertaw fil-pussess taghha meta giet terminata l-istess agenzija u kienu fil-pussess taghha fil-kors normali tax-xoghol li kien isir mill-istess socjeta' konvenuta. Ghalhekk ma jirrizulta xejn irregolari dwar dan il-pussess;

Jista' jkun li dawn id-dokumenti huma proprjeta' tas-socjeta' attrici, pero ghall-finijiet tal-"jus retentionis", kif naxxenti mill-imsemmi artikolu tal-Kodici Civili, dan huwa ghal kollox irrilevanti. Id-dokumenti in kwistjoni ghandhom il-valur taghhom, tant hu hekk li s-socjeta' attrici qed taghmel dawn il-proceduri appuntu biex tiehu lura l-pussess taghhom. Is-socjeta' attrici stess ippremettiet illi dawn id-dokumenti huma necessarji ghax-xoghol tas-socjeta' attrici u huma importanti ghat-tmexxija tas-socjeta' attrici;

Skond il-ligi s-socjeta' konvenuta ghandha d-dritt li, qabel ma tithallas tal-pretensjonijiet kollha taghha konnessi ma' l-agenzija, ma tirritornax u tibqa' zzomm fil-pussess taghha d-dokumenti in kwistjoni. Dan huwa dritt naxxenti mil-ligi sabiex jigu salvagwardati l-jeddijiet tal-mandatarju bhala kreditu tal-mandanti tieghu. Din hi mizura ta' auto tutela, peress illi l-mandatarju sabiex izomm l-oggetti in kwistjoni ma hemmx ghalfejn li jinvoka l-intervent gudizzjarju;

F'dan ir-rigward gie ritenut illi – "La retenzione e il diritto, attribuito ex lege al creditore, di rifiutare, ossia differire, legitimamente (eppero senza incorrere in mora debendi) la consegna di cosa determinata da lui dovuta al debitore (evitando cosi di perdere il possesso della cosa), sino a quando quest'ultimo non adempia l'obbligazzione, che e connessa con la cosa, di cui egli chiede la consegna (ius cum re iunctum, contropretese connesse)". (Francesco Messineo – Manuale di Diritto Civile e Commerciale – Nona edizione Riveduta e Aggiornata – 108/14 – Volume Terzo p. 214 et seq);

In vista ta' dan kollu ghalhekk l-ewwel talba tas-socjeta' attrici ma tistax tigi akkolta u dana sakemm ma jsirux il-hlasijiet kollha

relattivi ghall-agenzija in kwistjoni pretizi mis-socjeta' konvenuta. Ghalhekk ukoll it-talbiet l-ohra kollha konsegwenzjali ghandhom jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi;

Tiddeciedi fl-ewwel lok billi tichad l-eccezzjoni preliminari u billi tilqa' l-eccezzjoni tas-scojeta' konvenuta ghall-ewwel talba tas-socjeta' attrici u fit-tieni lok billi tichad l-ewwel talba attrici u konsegwentement tichad ukoll it-talbiet l-ohra kollha attrici;

Spejjez kollha kontra s-socjeta' attrici."

**Appell**

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta' attrici b'rikors ta' appell prezentat fl-4 ta' Awissu, 1998 li bih talbet li din il-Qorti tikkonferma dik is-sentenza fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti u tirrevokaha f'dik il-parti fejn akkoljiet it-tieni eccezzjoni sollevata minnhom billi tichad l-istess tieni eccezzjoni u konsegwentement tirrimanda l-kawza quddiem l-Ewwel Qorti biex titkompla fuq id-domandi l-ohra attrici.

**Eccezzjoni ta' dezerzjoni**

B'risposta ta' l-appell taghhom, id-Diretturi in rappresentanza tas-socjeta' appellata hekk esponew prelimarjament:-

"Peress illi l-esponenti nomine gew notifikati bir-rikors ta' l-appell odjern fit-13 ta' Marzu, 2000 filwaqt illi l-istess rikors ta' l-appell kien gie pprezentat fl-4 ta' Awissu, 1998, dan l-appell ghandu jigi dikjarat bhala dezert minhabba illi l-proceduri bil-miktub ma gewx maghluqa fi zmien

sena a tenur ta' l-Artikolu 963 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta' Lulju 1998 fl-ismijiet fuq premessi li minnha sar l-appell odjern ghandha tigi dikjarata illi ghaddiet in gudikat."

Eccezzjoni din li giet sostnuta f'din il-kawza kif ukoll f'kawza ohra b'mertu konness li qed tigi trattata kontestwalment ma' din fl-ismijiet "Adrian sive Aad De Haan bhala Direttur u ghan-nom u in rapprezentanza ta' De Haan Transport (Malta) Limited –vs- Dottor Tonio Farrugia u George Whelpdale bhal diretturi u ghan-nom u in rappresentanza ta' Merill Limted" (Citazzjoni numru 1002/95 GC). Ic-cirkostanzi fattwali fir-rigward ta' l-iter procedurali f'din it-tieni kawza huma identici ghal dawk f'din il-kawza u allura l-konsiderazzjonijiet li din il-Qorti qed taghmel f'din il-kawza, japplikaw mutatis mutandis ghall-kawza l-ohra lil eventwalment qed tigi wkoll deciza llum.

**<u>Il-fatti skond l-attur appellant</u>**

F'nota ta' osservazzjonijiet sottomessa mill-attur appellant fir-rigward tal-fatti rilevanti ghall-fini ta' determinazzjoni ta' l-eccezzjoni ta' dezerzjoni, huwa jelenka s-segwenti ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti:-

"(a) l-appell gie presentat fl-4 ta' Awissu 1998, u thallset in-notifika, fl-1 t'Ottubu 1998 Dottor Ragonesi gie nfurmat bil-miktub li ma kenitx saret notifika lill-appellati, u ffirma ghal din l-informazzjoni.

(b) saret notifika ohra fit-2 t'Ottubru 1998, u hadd ma gie infurmat li n-notifika ma saritx, la l-Prokuratur Legali u l-anqas id-difensur sottoskritt;

(c) sar hlas ta' notifika ohra fit-8 t'Ottubru 1998 u hadd ma gie infurmat li n-notifika ma saritx, la l-Prokuratur Legali u lanqas id-difensur sottoskritt, izda hemm riferta negativa bid-data tat-12 ta' Ottubru, 1998.

(d) fil-11 ta' Gunju 1999 giet iffissata d-data tal-24 ta' Novembru 1999 meta kellu jinstemgha l-appell.

(e) fit-13 ta' Marzu 2000 sar hlas ghan-notifika tal-appellati.

(f) fir-risposta taghhom l-appellati jghidu li gew notifikati bir-rikors tal-appell fit-13 ta' Marzu 2000, izda fil-process ma hemmx riferta meta saret in-notifika.

(g) fis-26 ta' Mejju 2000 sar hlas ghan-notifika ghal fini tar-riappuntament. Hadd ma gie infurmat bl-ezitu.

(h) fit-8 ta' Gunju 2000 sar hlas iehor ghan-notifika, izda hadd ma gie infurmat bl-ezitu."

Din il-Qorti taccetta l-korrettezza u r-rilevanza ta' dan l-elenku. Tikkonsidra pero' fir-rigward:-

a. Li d-digriet li bih l-appell gie appuntat ghall-ewwel smiegh inghata fil-11 ta' Gunju, 1999 u cioe' entro t-terminu ta' sena mill-prezentata tar-rikors ta' l-appell li saret fl-4 ta' Awissu, 1998. Ma kienx dan allura wiehed mill-kazijiet fejn l-appell dam snin biex jigi appuntat ghall-ewwel smiegh u b'hekk setghet tigi gustifikata b'xi mod in-nuqqas ta' solerzja da parti tal-parti appellanti li tassigura n-notifika ta' l-atti.

b. Jirrizulta wkoll illi l-konsulent legali ta' l-appellant kien gie notifikat debitament bl-ezitu negattiv ta' tentattiv ta' notifika li saret meta

ir-rikors tal-appell gie origarjament prezentat. Din l-informazzjoni inghatat mill-ufficjal tal-Qorti b'avviz bil-miktub avolja l-ligi u r-*Rules of Court* ma kienux jesigu li tali avviz jinghata fil-kazijiet fejn l-att kellu jigi notifikat permezz tal-purtier u mhux permezz tal-posta. (Ara decizjoni tas-6 ta' Ottubru 1999 fl-ismijiet "Edwin Privitera vs Joseph Borg et" (Citazzjoni numru 1365/90 JF).

c. Mill-elenku tal-fatti appena registrat jirrizulta illi l-konsulenti tas-socjeta' appellanti inkluz il-prokuratur legali kienu qeghdin isegwu l-process ta' notifika tar-rikors ta' l-appell tant illi ghamlu zewg tentattivi ohra biex jinnotifikawh lill-appellati nomine fit-2 ta' Ottubru 1988 u fit-8 ta' Ottubru, 1998. Tirrizulta riferta negattiva ghal dawn in-notifiki. Riferta li kienet bil-ligi timporta mhux biss il-prova illi d-ditta appellata ma kenitx giet notifikata bl-att imma wkoll il-presunzjoni illi l-kontroparti kellha l-mezz biex tkun taf li tali notifika ma kenitx saret. Il-hlasijiet ripetuti f'tentattiv li ssir in-notifika huma fil-fehma ta' din il-Qorti argument li jimmilita kontra li tigi sanata d-dezerzjoni u mhux favur. Dan proprju ghaliex huma xhieda tal-fatt illi s-socjeta' appellanti kienet a konoxxenza tad-diffikulta' li taffettwa notifika u kien allura jimponi fuqha li tkun aktar solerti biex tosserva d-disposizzjoni espressa tal-ligi li kienet tezigi li l-proceduri bil-miktub fi stadju ta' appell kellhom jigu maghluqa f'terminu perentorju ta' sena.

Din il-Qorti ezaminat il-fatti partikolari tal-kaz taht ezami u s-sottomissjonijiet ta' l-appellant nomine fid-dawl tal-gurisprudenza anke

ricenti ta' din il-Qorti in materja ta' sanatorja ta' dezerzjoni u ma ssibx li jokkorru dawk ic-cirkostanzi impellenti, generalment rizultat ta' nuqqasijiet serji amministrattivi, li jimponu fuqha li ma' tilqax l-eccezzjoni ta' dezerzjoni sollevata mill-appellat nomine. Din il-Qorti hi ghall-kuntrarju sodisfatta illi kienu jezistu r-rekwiziti biex l-eccezzjoni tigi milqugha. (Ara wkoll decizjoni ta' din il-Qorti tat-28 ta' Frar, 2001 fl-ismijiet "Silvio Vassallo nomine vs Walter u Doris Mallia, decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell mill-Bord tas-26 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet "Francis Xavier Formosa nomine vs Carmelo u Doris ahwa Mifsud" u decizjoni ta' l-istess Qorti ta' l-Appell mill-Bord fl-ismijiet "Prokuratur Legali Joseph Galea et vs Edwin Borg" deciza fis-26 ta' Frar, 1999 u ohrajn)

Ghal dawn il-motivi, l-eccezzjoni ta' dezerzjoni qed tigi milqugha u konsegwentement il-Qorti tiddikjara l-appell dezert u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. Tordna l-kancellament tieghu minn fuq il-lista bl-ispejjez kontra l-appellant nomine.

Dep/Reg

cb